MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 184/1998/1

**Salvu u Rita konjugi Meilak u Coronato Borg bhala Mandatarju ta' l-imsefrin Michael u Alice konjugi Borg.**

**v.**

**Gemma u Gordon konjugi Rolls**

**Il-Qorti:**

Qabel xejn tippremetti li din il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Marzu 2006. Tirrileva wkoll li b'digriet taghha moghti waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2006, hija *inter alia*, kienet ordnat l-

allegazzjoni ta' l-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 5/98 fl-ismijiet "Salvu Meilak – v. – Gemma Rolls" u dan kellu jsir sas-16 ta' Jannar 2006.

Illi meta din il-Qorti giet biex tezamina l-process ghal fini ta' deliberazzjoni sabet li giet esebita biss fotokopja ta' l-atti surreferiti u mhux l-atti proprja. Stante li dawn il-fotokopji gew pero` awtentikati bhala "vera kopja fotografika" mill-Ufficjal addett ghar-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), u sakemm ma hemmx oggezzjoni min-naha tal-partijiet, hija ma ssibx oggezzjoni li tmexxi bl-ezami taghha fuq dawn il-fotokopji. Fl-istess waqt pero` tirrileva li hemm, fost id-dokumenti li gew esebiti, mill-anqas hames ritratti (ara fol. 159, 312 u 320 ta' dawn l-atti) li huma kwazi indecifrabbli. Dan jirrendi l-ezami da parti ta' din il-Qorti ezercizzju futili u ghalhekk hemm il-htiega li jew jigu allegati l-atti originali jew inkella kopja cara tar-ritratti kollha li hemm esebiti ma' l-atti tal-mandat – u dana b'rizerva espressa li jekk jinhass il-bzonn jigi kondott sopralwog biex din il-Qorti tkun f'qaghda li tikkonstatata *de visu* x'hemm implikat fis-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-bini *de quo*.

Ghalhekk hija tordna li, *contrario imperio*, il-prolazzjoni tas-sentenza tigi sospiza sakemm il-posizzjoni dwar id-dokumenti esebiti u li ghalihom saret riferenza tigi debitament regolarizzata. Tordna li jitqieghdu a disposizzjoni tal-Qorti l-original ta' l-atti tal-mandat in kwistjoni, u tiddifferixxi l-appell sabiex il-partijiet ighidu ghandhomx xi jzidu in vista tas-suespost ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2006 fil-11.30a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------